43/19

**It-tlieta u erbgħin (43) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-17 t' Awwissu, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata

   (a) Rendikont Finanzjarju April – Ġunju 2015
   (b) Tender – Ġbir tal-iskart

8. Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 42/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti**

2.2.1 **Minuta 3.4** - titneħħa l-kelma "Sinku" u issir "Sindku"

2.2.2 **Minuta 6** - wara s-sentenza "Is-Sur Darren Carabott qabel mal-proposta tas-Sur SilvioVella jiżdiedu dawn is-sentenzi "Is-Sur Darren Carabott żied jgħid li l-filmat tas-CCTV għandu jiġi rrekordjat ġewwa l-Kunsill sabiex ikun aktar aċċessibbli. F'dan l-istadju is-Sur Horace Anastasi rrimarka li sa fejn jaf hu s-sistema kellha tinkorpora dan diġa'. Is-Sindku sostna li jrid jiċċekkja mal-*Work Order* passati.

2.2.3 Minuta 9.3 – titneħħa l-"?".

F'dan l-istadju (6.50pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 (a) tal-Agenda – Rendikont Finanzjarju April-Ġunju 2015

Il-Membri qablu unanimament

7. **Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(a) Rendikont finanzjarju April-Ġunju 2015**

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn April u Ġunju 2015.

Is-Sur Anastasi rrimarka għalfejn f'nota 5 tal-Consolidated Details of Income and Expenditure (future commitments) ma jitniżżlux l-ismijiet tat-toroq li ser issir il-mautenzjoni tagħhom. Is–Sindku rrimarka li m'hemmx għalfejn jitniżżlu l-ismijiet tat-toroq ġaladarba l-ismijiet tal-istess toroq li ser issir manutenzjoni tagħhom ġew imniżżla, deċiżi u approvati b'mod unanimu fil-41 Laqgħa tal-Kunsill.

Intant is-Sindku ressaq għall-votazzjoni r-rendikont finanzjarju April-Ġunju 2015 hekk kif ipprżentat. Is-Sindku ġie ssekondat mill-Viċi Sindku. Ir-rendikont finanzjarju April-Ġunju għadda kif ġej:

**Sitta (6) favur** - Stephen Sultana, Jonathan Brimmer, Jason Ernest Mangani, Silvio Vella, Darren Carabott, Elizabeth Vella;

**Vot (1) kontra** - Horace Anastasi.

3. **Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti**

3.1 **Minuta 3.2** - Is-Sindku nforma lill-membri li l-laqgħa mal-operaturi dwar il-ħatt tal-*containers* ser issir l-Erbgħa 19 t'Awwissu 2015 fis-6.00pm fil-preżenza tal-pulizija.

3.2 **Minuta 3.3** – Is-Sindku nforma li l-laqgħa pubblika mar-residenti li joqgħodu fi Triq il-Fawwara viċin ta' dar Thouret ser issir il-Ġimgħa 21 t'Awwissu 2015 fis-6.00pm fil-preżenza tal-pulizija.

3.3 **Minuta 3.4 -** Is-Sindku nforma lill-membri li wara li l-Kunsill informa b'ittra lir-residenti ta' Triq ix-Xarretta u Triq il-Kaless dwar it-*traffic management system* sabiex dawn it-toroq isiru *one way* waħda kontra l-oħra, irriżulta li l-Kunsill irċieva diversi oġġezzjonijiet mingħand l-istess residenti li joqgħodu fl-imsemmija toroq. Għaldaqstant is-Sindku ppropona sabiex it-*traffic management system* tibqa' kif inhi attwalment. Is-Sur Anastasi rrimarka li l-Kunsill m'għandux joqgħod fuq dak li jridu xi r-residenti iżda dan it-tibdil għandu jseħħ.

Is-Sur Carabott talab minn fejn jista' jara l-oġġezzjonijiet li daħlu u numru ta' oġġezzjonijiet li daħlu. Is-Sindku nfurmah li l-oġġezzjonijiet jinsabu *filed* fil-Kunsill u kull membru għandu access sabiex ikun jista' jara l-oġġezzjonijiet li daħlu. Is-Sindku nfurmah li kien hemm numru konsiderevoli ta' oġġezzjonijiet minn Triq ix-Xarretta.

Is-Sindku ppropona li t-*traffic management system* il-ġdida tkun irtitrata. Is-Sur Silvio Vella ssekonda din il-proposta u għaldaqstant ittieħed il-vot. L-imsemmija proposta għaddiet kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Erba' (4) voti favur:** | Stephen Sultana, Jonathan Brimmer, Silvio Vella, Jason Mangani |
| **Żewġ (2) astenzjonijiet:** | Elizabeth Vella u Darren Carabott |
| **Vot (1) kontra:** | Horace Anastasi. |

3.4 **Minuta 4.2** - Is-Sindku nforma lill-membri li wara verifikazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 16/2015 dwar il-Migrazzjoni għall-akkwist elettroniku l-persuni li ser jattendu għall-kors huma Is-Segretarju Eżekuttiv, Jonathan Brimmer u Elizabeth Vella. Is-Segretarju Eżekuttiv, Jonathan Brimmer u Elizabeth Vella aċċettaw li jattendu għal dan il-kors. Il-Kunsill irid iħallas €17 għal kull persuna li tattendi.

3.5 **Minuta 6** – Is-Sindku nforma lill-membri li wara li ġiet ivverifikata l-WO li kienet ħarġet fl-2012 irriżulta li ma kien hemm l-ebda speċifikazzjoni mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex is-CCTV li jitwaħħlu fi ġnien Romeo Romano ikunu *monitored* mill-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Huwa kompla billi nforma lill-membri li biex isir hekk hemm spiża sostanzjali għaliex trid issir sistema tas-CCTV ġdida apparti li jrid ikun hemm sistema ta' internet *connection* fuq kull post fejn ikun hemm is-CCTV sabiex

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

dawn ikunu *monitored* mill-Uffiċċju Amministrattiv. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex l-aħjar l-ewwel inġibu kjarifika mill-pulizija jekk mhumiex vijabbli u minn hemm inkunu nistgħu naraw u nippjanaw jekk is-CCTVs għandhomx ikunu fl-iskeda tal-proġetti tal-Kunsill li ser isiru aktar 'l quddiem. Is-Sindku rrimarka li l-ewwel trid tinħareġ tender għax-xiri tas-CCTVs.

Il-Membri qablu unanimament.

3.6 **Minuta 9.4** – Is-Sindku informa lill-membri li TM approvat it-talba li saret sabiex issir *parking bay* bil-ħinijiet għaċ-*Childcare Centre* Arzella.

Is-Sindku talab lill-membri jekk għandhomx xi mistoqsijiet fuq l-affarijiet li jitqajmu mill-minuti tat-42 laqgħa. Is-Sinjura Elizabeth Vella talbet lis-Sindku li hi tixtieq t'oġġezzjona fuq Minuta 10 – Aġġornament. Is-Sindku tagħha d-dritt sabiex twassal il-kumment tagħha kif kien mitlub.

Is-Sinjura Vella bdiet billi kkwotat Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Taqsima IV, Artiklu 45, Subartiklu (d) jirrimarka li:

***"45. Il-Kunsill għandu, jekk hekk mitlub u mal-ħlas tal-pustaġġ u spejjeż oħra meħtieġa li jsiru għall-għoti ta' tagħrif bħal dak, jagħti - (d) l-aġenda tal-laqgħa trid tasal għand il-Kunsillieri mill-anqas ħames ġranet tax-xogħol qabel il-laqgħa".***

Hija qalet li l-amministrazzjoni tal-Kunsill kisret din il-liġi għaliex l-aġenda tal-Kunsill intbagħtet it-Tlieta 11 t'Awwissu 2015 fit-8.06am u għaldaqstant il-laqgħa kellha tkun nulla.

Is-Sindku spjega li minn meta ġiet imqassma l-aġenda kienu għaddew ħames (5) ġranet tax-xogħol li huma 11, 12, 13, 14, 17 t'Awwissu 2015 apparti wkoll li fl-aġġornament tat-42 Laqgħa kien hemm qbil bejn kulħadd li t-43 Laqgħa ser issir fis-17 t'Awwissu, 2015. F'dan ir-rigward is-Sindku rrimarka lis-Segretarju Eżekuttiv mexa skont ma huwa stipulat fil-liġi. F'dan il-ħin is-Sur Darren Carabott flimkien mas-Sur Horace Anastasi bdew jilmentaw li qed tinkiser il-liġi fejn minnufih is-Sindku talab sabiex tinżamm l-ordni u mhux jargumentaw it-tnejn f'daqqa. Is-Sur Carabott u s-Sur Anastasi nformaw lis-Sindku li suppost il-laqgħa ġiet nulla. Intant is-Sur Carabott qallu sabiex issir sospensjoni tal-Laqgħa sabiex tiġi vverifikata l-liġi.

Is-Sindku wieġeb li l-liġi m'għandiex għalfejn tkun verifikata jekk l-istess liġi ġiet moqrija u spjegata ċara mis-Sinjura Elizabeth Vella. Is-Sindku rrimarka li hu jesegwixxi d-deċiżjonijiet li jittieħdu biss fuq il-mejda u mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Sur Anastasi rrimarka wkoll li s-Segretarju kellu jinforma lid-Dipartiment jekk għandiex issir il-laqgħa jew le.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sur Anastasi li ġaladarba l-Monitoring Bord kien ikkupjat fl-emails li ntbagħtu ma kienx hemm għalfejn jinfurmhom għax kienu notifikati. Apparti minn hekk is-Segretarju wieġeb billi qal li hu kien żgur li mexa ma dak li titlob il-liġi.

Is-Sindku ressaq għall-vot din l-oġġezzjoni li ġiet mressaq mis-Sinjura Elizabeth Vella u kien is-sekondat mill-Viċi Sindku s-Sur Jonathan Brimmer. L-oġġezzjoni tas-Sinjura Vella m'għaddietx u l-vot kien kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Tlett (3) voti favur:** | Elizabeth Vella, Horace Anastasi, Darren Carabott |
| **Erba' voti kontra**: | Stephen Sultana, Jonathan Brimmer, Silvio Vella, Jason Mangani |

Is-Sinjura Elizabeth Vella, Is-Sur Horace Anastasi u is-Sur Darren Carabott telqu 'l barra għall-kumplament tal-Laqgħa bi protesta.

Il-Laqgħa tkompliet kif previst minħabba l-fatt li kif stipulat fil-liġi kien hemm quorum.

## 4 Korrispondenza

4.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-membri dwar il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva fit-23 ta' Lulju, 2015 - Memo 18 li titratta dwar ir-responsabilta' fiskali u finanzjarja tal-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li din il-korrispondenza ħarġet mill-Ministeru tal-Finanzi.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar it-talba li saret lill-Kunsill mingħand St Venera Lightnings sabiex titwaħħal Banner fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sindku qal li hu ma jsibx oġġezzjoni.

Il-Kumplament tal-membri qablu unanimament.

4.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar it-talba li saret mingħand Dee Media TV Studios li jinsabu fi Triq il-Kanun sabiex isiru loading/unloading bay quddiem il-bini tagħhom minħabba l-fatt li ta' kuljum ikollhom għaddejjin tlett programmi live li jinkludu bejgħ ta oġġetti li jinġiebu u jittieħdu lura f'kull programm. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb formalment lil TM għall-awtorizazzjoni tagħhom.

Il-membri qablu unanimament.

4.4 Is-Sindku nforma lill-membri dwar Memo 19 li tittratta dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Wara li saret diskussjoni ġie deċiż li mhux possibbli li jinbidlu dawn il-ħinijiet minħabba diversi raġunijiet fosthom li l-iskart ma jistax jinħareġ minn filgħodu kmieni sabiex jinġabar tard matul il-jum għaliex ġewwa Santa Venera hawn ħafna *stray animals* u b'hekk jagħmlu ħerba sħiħa mill-istess skart apparti li fil-ġranet tas-sajf l-iskart jibda jiddeterjora minħabba temperaturi għolja tax-xemx li jolqtu l-gżejjer Maltin. Minbarra minn hekk jekk l-iskart jibda jinġabar filgħaxija l-ispejjeż tal-kuntratt jiżdiedu peress li l-*Landfills* f'dak il-ħin ikunu magħluqin. Is-Sindku rrimarka li ċertament il-Kunsill ma jiflaħx aktar spejjeż ma dawk eżistenti.

Il-membri qablu unanimament.

4.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-*insurance policy* tal-Kunsill. Huwa kompla li l- *Insurance brokers* Melitapol għaddew lill-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet tal-Middlesea u Citadel. L-irħas kowtazzjoni hija tas-Citadel però dawn qed jorbtu lill-Kunsill li jridu jżommu l-insurance Policy magħhom għal ħames (5) snin filwaqt li l-*Middlesea Insurance* mhux qed jagħmlu l-ebda klawsola. F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona li hu tal-parir li l-*insurance* għandha issir mal-*Middlesea*. Is-Sur Mangani ssekonda dak li qal is-Sindku.

Il-membri qablu unanimament.

4.6 Is-Sindku nforma lill membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Agenzija Sapport sabiex issir *Disabled Parking Bay* quddiem il-*Head Office* tagħhom li jinsab fi Triq Patri Ġwann Azzopardi.

Il-membri qablu unanimament.

## 5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

5.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

## 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 740 sa lment numru 751.

| | |
|---|---|
| 740 | Contract Manager |

| | |
|---|---|
| 741 | Contract Manager |
| 742 | Azzjoni ttieħdet |
| 743 | F'din it-triq diġa' kien hemm sleeping police però fl-laqgħat preċidenti kienet ittieħdet deċiżjoni sabiex titneħħa. |
| 744 | Ħaddiema Assenjati |
| 745 | Ħaddiema Assenjati |
| 746 | Ħaddiema Assenjati |
| 747 | Contract Manager |
| 748 | Work order – Koptasin |
| 749 | Sleeping police ma tistax issir minħabba li l-użu hu għal sewqan aċċessiv. Fl-ilment l-ieħor għandha titwaħħal sticker |
| 750 | Bħal ilment 746 |
| 751 | Ħaddiema Assenjati |

## 7. Ordnijiet tal-Ġurnata

### (b) Tender – Ġbir tal-iskart

Is-Sindku nforma lill-membri li f'Novembru 2015 ser jiskadi l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart għaldaqstant il-kunsill huwa obbligat li joħroġ din it-tender. Is-Sindku spjega it-tibdiliet li saru fejn kellhom jiżdiedu l-klawsoli tal-Green Public Procurement (GPP) maħruġa mill-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima. Is-Sindku rrimarka wkoll li f'Artiku 04 – *Operation of Contract and Appeals* ser tiżdied klawsola (g) li tgħid

*"(g) The collectors are obliged to use an appropriate low tonnage waste carrier which should render an adequate Service in the narrow roads as highlighted with an *in Annex 17."*

Dawn huma:
*"Triq Abela, Triq l-Erbatax ta' Novembru, Triq l-Erbgħa ta' Settembru 1918, Triq Guze' Pace, Triq Ħal Kaprat, Triq il-Kanonku Bonnici, Triq il-Kardinal Sciberras, Triq in-Nagħal, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq San Ġorġ (il-parti t'isfel), Triq San Pawl u Triq Vincenzo Bugeja."*

F'din il-lista ser tiżdied klawsola li tgħid:

*"From time to time the Council reserves the right to include other narrow roads not marked with an * in the above list, i.e. Annex 17."*

Is-Sindku ppropona filwaqt lis-Sur Mangani ssekonda d-dokument ta' dan it-tender tal-Ġbir tal-iskart. hekk kif pprezentat. MB

Il-Membri qablu unanimament.

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

(i) Ġie ppreżentat ir-rapport tat-Twinning li sar ġewwa Kastoria bejn id-19 ta' Lulju 2015 sat-23 ta' Lulju 2015.

(ii) Ġew ippreżentati l-minuti tad-disa' laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi liema laqgħa saret fit-12 ta' Mejju, 2015.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri li ser jitwaqqaf il-Kunsill taż-Żgħażagħ. Liema Kunsill ser jkun iffurmat mis-Sur Gianluca Falzon (Ambaxxatur taż-Żgħażagħ), is-Sur Miguel Cauchi, is-Sur Clive Mallia u s-Sur Bradley Attard. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li Aġenzija Żgħażagħ ser ikollha rappreżentant f'dan il-Kunsill li huwa is-Sur Andre Bonello sabiex flimkien mal-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikunu ta' għajnuna għal dawn iż-Żgħażagħ. Huwa kompla billi qal li hemm żewġ żgħażagħ oħra li aktarx huma nteressati però dawn għad iridu jikkonfermaw. Is-Sindku qal ukoll li l-ewwel laqgħa tal-Kunsill taż-Żgħażagħ ser issir il-Ġimgħa 21 t'Awwissu, 2015 fis-14.00pm ġewwa l-bini Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fit-tournament tal-Boċċi li ser jiġi organizzat mill-Fondazzjoni Wirt Vendriż. Issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jerġa' jipparteċipa f'dan it-tournament kif ġara fis-snin ta' qabel u għaldaqstant innomina lill-Viċi Sindku sabiex jikkordina l-parteċipazzjoni tal-Kunsill, dejjem jekk hemm interess mill-Kunsilliera,.

Il-Membri qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-Kumitat Konġunt huwa uffiċjalment xolt.

9.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-vann ġarrab ħsarat ^zgħar MB^ wara inċident tat-traffiku.

9.5 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ser jibda bil-preparazzjoni tat-titqiba tal-influwenza bħal ma seħħ fis-snin ta' qabel.

Il-Membri qablu unanimament.

9.6 Is-Sindku nforma lill-membri li minħabba ħafna xogħol li għandu ser jirtira mill-bord Editorjali tar-rivista tal-Kunsill u f'dan ir-rigward is-Sindku ppropona lill-Viċi Sindku s-Sur Jonathan Brimmer sabiex jokkupa dan il-post battal. Is-Sindku jibqa' bħala eks officio.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

9.7 Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva talba mingħand is-Sinjorina Ritienne Buhagiar sabiex nhar il-25 ta'Ġunju, 2016 tuża' ġnien Romeo Romano għaċ-ċerimonja taż-żwieġ tagħha.

Is-Sindku flimkien mal-membri qablu b'mod unanimu li ġaladarba ser issir biss ċerimonja l-użu ta' ġnien Romeo Romano għandu jkun bla ħlas.

9.8 Is-Sindku qal li f'laqgħa preċedenti kien irrimarka li l-Kunsill kien irċieva mingħand TM l-approvazzjoni li l-Kunsill kien irċieva sabiex quddiem ic-*Childcare Centre* La Bacchetta Magica isir *Loading/Unloading* Bay bil-ħinijiet għat-tfal li jattendu f'din ic-*Childcare Centre*. Is-Sindku issuġġerixxa sabiex il-ħinijiet tal-*Loading/Unloading* isiru skont kif ġie awtorizzat minn TM jiġifieri:

06.45am - 07.15am
14.15pm – 14.45pm

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

9.9 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li TM approvat sabiex isiru *sleeping police* fi Triq San Ġorġ wara l-*PEAK insurance* u *sleeping police* fi Triq Misraħ il-Barrieri.

9.10 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill kommunikazzjoni li l-Kunsill irċieva mid-Direttorat tal-P.A.R.K. fejn għal dawn it-tlett snin li ġejjin qiegħed ikun ippjanat tħawwil ta' siġar (indigeni/Maltin) taħt l-iskema '34U'. Is-Sindku rrimarka li l-lokalita' tagħna tista' tibbenefika minn din l-inizzjattiva billi dan it-tħawwil isir fi Triq il-Kbira San Ġużepp minflokk dawk eżistenti. Huwa qal sabiex il-Kunsill jagħmel talba uffiċċjali b'dan il-ħsieb filwaqt li jitlob lil dan id-Direttorat sabiex is-siġar eżistenti ta' Triq il-Kbira San Ġużepp jinstabilhom post adekwat fejn ikunu jistgħu jitħawlu f'xi żona oħra f'Malta.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

9.11 Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva kommunikazzjoni mingħand is-Soċjeta'Filarmonika ta' Santa Venera sabiex nhar id-29 t'Awwissu 2015 isir BBQ fi ġnien Romeo Romano.

Is-Sindku rrimarka li hu ma jsibx l-ebda oġġezzjoni filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

9.12 Is-Sindku nforma lill-membri dwar komunikazzjoni li rċieva mingħand is-Sinjura Veronique de Gabriele Ferrante li hija *counsellor* flimkien ma *counsellors* oħra b'mod volontarju jibdew joffru sezzjonijiet ta' *counselling* lil dawk ir-residenti Vendriżi li jkollhom bżonn ġewwa l-bini Amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li jaqbel ħafna ma din l-inizzjattiva u għaldaqstant il-kunsill irrid isib ġurnata meta din l-għanjuna volontarja għandha tibda tingħata.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru, 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: